**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Timişoara (ir-Rumanija) fil-11 ta’ Ottubru 2022 – SC Assofrutti Rom S.R.L vs Agenția pentru Finanțarea Investițiilor Rurale, Centrul Regional pentru Finanțarea Investițiilor Rurale 5 Vest Timişoara**

**(Kawża C-635/22)**

(2023/C 24/36)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Timişoara

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* SC Assofrutti Rom S.R.L

*Konvenuti:* Agenția pentru Finanțarea Investițiilor Rurale, Centrul Regional pentru Finanțarea Investițiilor Rurale 5 Vest Timişoara

**Domandi preliminari**

1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE tad-29 ta’ Settembru 2008 dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott ([1]), jistgħu jiġu interpretati fis-sens li jipprojbixxu lill-Istati Membri milli jimponu l-obbligu li jitwettqu proċeduri ta’ għoti ta’ kuntratti qabel ma jiġi kkummerċjalizzat materjal [ikklassifikat bħala] *Conformitas Agraria Communitatis* (CAC)?

2) F’sitwazzjoni bħal dik f’dan il-każ, l-Artikolu 4(10) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta’ Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ([2]), flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39(1)(a) u (b) TFUE, jista’ jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-obbligu li jitwettqu proċeduri ta’ għoti ta’ kuntratti kif stabbilit fil-[Programm Nazzjonali dwar l-Iżvilupp Rurali tar-Rumanija (il-PNŻR)] 2014-2020 (il-ħames verżjoni)?

([1]) ĠU 2008, L 267, p. 8.
([2]) ĠU 2013, L 347, p. 320, rettifiki fil-ĠU 2016, L 200, p. 140, fil-ĠU 2019, L 66, p. 6, u fil-ĠU 2022, L 146, p. 155.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-13 ta’ Ottubru 2022 – Compass Banca SpA vs Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato**

**(Kawża C-646/22)**

(2023/C 24/37)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Compass Banca SpA

*Konvenut:* Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato

**Domandi preliminari**

1) Il-kunċett ta' konsumatur medju msemmi fid-Direttiva 2005/29/KE [1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali), mifhum bħala konsumatur normalment informat u raġonevolment attent u avżat – fid-dawl tan-natura malleabbli u imprecċiża tiegħu – għandu jiġi fformulat b'riferiment għall-aqwa għarfien u esperjenza u konsegwentement ma jirreferix biss għall-kunċett klassiku ta' *homo oeconomicus* iżda wkoll għall-kisbiet tal-iktar teoriji reċenti dwar ir-razzjonalità limitata li wrew kif jaġixxu l-individwi fejn ta' spiss jirriduċu l-informazzjoni neċessarja permezz ta' deċiżjonijiet "irraġonevoli" jekk jiġu mqabbla ma' dawk li jittieħdu minn persuna ipotetikament attenta u avżata; liema konstatazzjonijiet jimponu rekwiżit ikbar ta' protezzjoni tal-konsumaturi fil-każ – dejjem iktar komuni fid-dinamiki moderni tas-suq – ta' periklu ta' influwenza konjittiva?

2) Prattika kummerċjali li fiha, minħabba t-tqegħid tal-informazzjoni f'qafas (framing), għażla tista' tidher mandatorja u mingħajr alternattivi fid-dawl tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2005/29 li tqis bħala qarrieqa prattika kummerċjali li bi kwalunkwe mod tqarraq jew tista' tqarraq lill-konsumatur medju "anki bil-preżentazzjoni totali tagħha", tista' titqies fiha nnifisha bħala aggressiva?

3) Id-Direttiva dwar prattiki kummerċjali żleali tiġġustifika s-setgħa tal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni u tas-suq (ladarba jiġi kkonstatat il-periklu ta' influwenza psikoloġika marbuta: 1) mal-qagħda ta' bżonn li fih normalment ikun jinsab min jitlob finanzjament, 2) mal-kumplessità tal-kuntratti sottomessi għall-firma tal-konsumatur, 3) man-natura kuntestwali tal-offerta trażversali, 4) mal-qosor tat-termini mogħtija għas-sottoskrizzjoni tal-offerta), li tipprevedi deroga mill-prinċipju ta' possibbiltà ta' bejgħ trażversali ta' prodotti ta' assigurazzjoni u ta' prodotti finanzjarji mhux konnessi billi timponi perijodu ta' sebat ijiem bejn l-iffirmar taż-żewġ kuntratti?

4) B'rabta ma' tali setgħa ta' ssanzjonar tal-prattiki kummerċjali aggressivi, id-Direttiva (UE) 2016/97 [2] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 (3) tagħha, tipprekludi l-adozzjoni ta' dispożizzjoni tal-[Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato (AGCM)] fuq il-bażi tal-Artikoli 2(d) u (j), 4, 8 u 9 tad-Direttiva 2005/29 u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' implimentazzjoni adottata wara ċ-ċaħda ta' talba ta' self b'riżultat tar-rifjut ta' kumpannija ta' servizzi ta' investiment, fil-każ ta' bejgħ trażversali ta' prodott finanzjarju u ta' prodott ta' assigurazzjoni mhux konness ma' tal-ewwel – u quddiem riskju, marbut maċ-ċirkustanzi tal-każ speċifiku, li jistgħu jinsiltu wkoll mill-kumplessità tad-dokumentazzjoni li għandha tiġi eżaminata, li l-konsumatur jiġi influwenzat – li l-konsumatur jingħata *spatium deliberandi* ta' sebat ijiem bejn il-formulazzjoni tal-proposta trażversali u l-iffirmar tal-kuntratt ta' assigurazzjoni?

5) Il-qisien tas-sempliċi għaqda ta' żewġ prodotti finanzjarji u ta' assigurazzjoni bħala prattika aggressiva jista' jirriżulta f'att regolatorju mhux permess u dan jista' jirriżulta fit-tqegħid fuq il-kummerċjant (u mhux fuq l-AGCM, kif għandu jkun) tal-oneru (li diffiċilment jista' jiġi mwettaq) li jintwera li ma huwiex każ ta' prattika aggressiva bi ksur tad-Direttiva 2005/29 (speċjalment ladarba d-direttiva ċċitata ma tippermettix lill-Istati Membri jadottaw miżuri iktar restrittivi minn dawk iddefiniti minnha, lanqas sabiex jiġi żgurat livell ogħla ta' protezzjoni tal-konsumaturi) jew inkella tali inverżjoni tal-oneru tal-prova ma jissussistix minkejja li, fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi, jitqies li, quddiem offerta trażversali kumplessa, hemm riskju konkret li l-konsumatur li jeħtieġ li jikseb finanzjament jiġi influwenzat?

---

(1) ĠU 2005, L 149, p. 22, rettifika fil-ĠU 2006, L 114, p. 86.
(2) ĠU 2016, L 26, p. 19.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fl-20 ta' Ottubru 2022 – Ente Cambiano Società cooperativa per azioni vs Agenzia delle Entrate

**(Kawża C-660/22)**

(2023/C 24/38)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione